Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATUR
# Laqgħa Numru 56
# It-Tlieta 28 ta' Marzu 2017

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier
Lino Bartolo – Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Matthew Agius – Kunsillier
Alan Abela Wadge – Kunsillier
Matthew Mangion -Chairperson KAS

## ASSENTI

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

## 56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

56.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Mathew Agius li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' Sahha.

56.1.02 qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Alan Abela Wadge li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol

56.1.03 qara l-ittri ta'apoloġija tac-Chairperson KAS Matthew Mangion li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol

56.1.04 Il-Kunsilliera prezenti aċċettaw l-ittri ta'apoloġiji

## 56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

56.2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella Il-minuti ta' Seduti Nru 54 u 55 rispetivament u ttieħdu bħala moqrija u saru xi korrezzjonijiet.

56.2.02 Il-minuti ġew approvati unanimament.

## 56.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

56.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korespondenza <dc 56/3/1> minghand Paolo Ferrelli Warden Msida Bastion Historic Garden biex javza lill kunsill li jekk ikun hemm interess bhala parti min xi attivita li il gnien huwa miftuh ghall tours.

56.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korespondenza <dc 56/3/2> minghand Kathrine Bonnet President kumittat Festi Gimgha Kbira Sptar San vincenz De'Paul biex tistiden lill Kunsill u residenti biex jattendu ghall purcissjoni gewa l-sptar nhar il Hadd 2 ta'April.

56.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korespondenza <dc 56/3/3> minghand Vella Cleavon Assistant Direttur DLG dwar Sahha u Sigurta fil-binja tal-Kunsill Lokali

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella spjega li wara spezzjoni mil OHSA gew osservati certu nuqassijiet li hemm bzonn jigu irrangati izda ukoll li hemm bzonn issir risk assesment tal-binja li huwa obligatorju u li jiswa euro 400.

Il-Kunsilliera prezenti diskutew u qablu li dan ghandu issir.

56.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korespondenza <dc 56/3/4> minghand Gorge Cutajr li hemm bzonn issir spezjoni mil-MCCAA biex jinhareg certifikat ta xoghol ta dawl li sar fil playing field ta misrah 5 ta'Ottubru biex inkunu nistghu nigbru il-Fondi UIF allokati ghall dan il-progett.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella spjega li minghajr din l-spezzjoni ma nistghux nigbru il-fondi u li se tigi tiswa 400 euro + vat

56.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korespondenza <dc 56/3/5> minghand Francoise Chetcuti ghal no objection biex jitwahlu Billboards

Is-Sur Maurice Agius gibed l-attenzjoni li wahda mill Billboards se tkun go Triq Xatt l-Imsida faccata tal-Knisja u ohra go l-ahhar parti ta' Triq BoxBox thares lejn il-Bypass
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai Ma qablitx li ghanda tkun quddiem il-knisja

il-kunsilliera prezenti diskutew u kienu ta' l stess fhema fejn ma qablux li jigi billboard quddiem il-Knisja.fuq il-Billboard li se jigi min Trejqet Box Box ihares fuq il by pass qablu li jitolbu ghall ritratti ha jifmhu ahjar kif ser jitwahhal u imbghad jiehdu decizjoni.

56.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korespondenza <dc 56/3/6> minghand Mary Ann Sladen mill PA documenti ghall applikazjoni ta'zvilupp fuq Wied l-Imsida PA 0013/17
Is-Sur Emanuel Brincat Spjega li dan diga kien hemm applikazjonijiet ohra fuq iz-zona imsemmija u dejjem gew rifjutati ghaliex din iz-zona hija meqjusa bhala ODZ. Hawn kompla jispjega li zvilupp bhal dan igib aktar problemi fi-Triq il Wied fejn diga is-sitwazzjoni hija gravi meta tghamel hafna xita u il-problemi ta drenagg li ggib maghha.
il-kunsilliera prezenti diskutew u qablu li ma ghandu issir l-ebda zvillup fuq il-wied anzi dan ghadu ikun prottet u ghalekk ghanda tintbghat risposta ta ogezzjoni lill PA u ir-residenti taz-zona jigu infurmati b tali decizzjoni.

56.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korespondenza <dc 56/3/7> minghand Mandy Camilleri mill PA ghall no objection biex issir zvillup kif propost go PC 0010/17 go Triq it-Torri Msida.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li dan huwa zvilupp biex issir cul-de-sac gewwa il-propjeta msemmija u li maghadix taffetwa it-Triq anzi taf itaffi xi ftit il-problema ta'parkegg ghax ir-residenti tal propjeta jista ikollhom zona privata fejn jipparkjaw.
il-kunsilliera prezenti qablu u ma jsibux ogezzjoni

56.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korespondenza <dc 56/3/8> minghand Daniel Tabone ghall Green pack dwar skema gdida Batree li se tkun qed tbidell l-skema precedenti Batterina.l-ghan ta'din l-skema huwa biex jintlahqu ic-cifri mistennija ghall kollezjoni ta dan it-tip ta-skart li sa issa ghadu baxx hafna.
Is-Sur Maurice Agius staqsa min fil-prezent qed jigbor il-battries u kif jingabar u jekk dan huwiex il-Green MT
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella Wiegeb li battries jingabru mill-Green Pack u li ghandna ricipjent ghall dan it-tip ta skart gewwa il-Kunsill.
Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk hadniex risposta minghand il-Green MT.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella Wiegeb li le u li ta struzzjonijiet biex jigbor id-dettalji kollha halli jiehu parrir minghand l-avukat halli imexxi.

56.3.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korespondenza <dc 56/3/9> minghand Patri Maurice Abela Kappilan ta'Santa Venera ghall no objection ta'Toroq li huma parti mill-Imsida biex tkun tista issir purcisjoni tas-Salib mqadess.

il-kunsilliera prezenti Raw it-Toroq msemmija fil-korrespondenza u ma sabu l-ebda ogezzjoni.

56.3.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda draft ta ftehim <dc 56/3/10> mal P5 manegment u spjegat li wara diskussjoni intlahaq ftehim biex dawn ihallsu 45 euro flok 40 euro.
Is-Sur Lino Bartolo staqsa jekk dan hux bizejjed biex ikopri l-spejjez ta,Dawl u affarijiet ohra.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella Spjega li inhasset il-htiega biex naghmlu ftehim gdid minhabba dan il fatt u anke biex niregolaw il mod ta kif ghanda tintuza il-classi u sa fejn hu responsabli il-Kunsill u fejn hu responsabli il-P5 manegment.Rigward id-dawl ghandu ikun hemm controll fuq il-hela billi nghamlu ix-xoghol ta' perspex li ga semmejna f' seduti ohra u timers biex jaqtu u jixeghlu is-supply min hin sa hin.

56.3.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korrespondenza <dc 56/3/11> mil avukat dwar il-kawza li l-kunsill kellu ma Gasan Mamo insurance ghall accident go Triq il-Wied.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa ghad dettalji.u jekk irridux inhallsu tal-kawza

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella Wiegeb u deskriva il-kawza u li Gasan Mamo insurance idecidew li jirtiraw il-kawza minhabba certu proceduri ma kienux ta'arbitrag.f dan il-kaz il-Kunsill ma jhallas xejn.

56.3.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda kopja ta'poster ghal accordian festival quddiem il-binja tal-kunsill.Dawn ghandhom jehlu man-notice board u jidhru fuq FB
Is-Sur Lino Bartolo ta' spjega qasira fuq din l-attivita.

56.3.14 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda llment <dc 56/3/14> repettut fuq parkegg qudiem il-garax minghand Vladimir Marinov

Is-Sur Emanuel Brincat qal li kien mar fuq il-post u ma jarax kif ma jistax johrog mil garax
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li bghat lill J.Micallef biex jara fuq il-post hu huwa tal stess opinjoni ghalkem gie sugerit li b daqxejn hsieb jistghu jimxu l MC bays ghall post iehor f-Triq u issir spazju ghall parkeg normali b dritt il bankina.

il-kunsilliera prezenti diskutew u qablu li ghall mument ma ghandu issir l-ebda caqliq,dan ghandu issir biss jekk caqliq ikun possibli u meta it-Triq ikun imissa refreshing.

56.3.15 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda talba minghand il-perit Philip Farrugia <dc 56/3/15> ghall no objection ghal PA 3578/16 biex jickien planter go Triq Oskar Zammit.
Is-Sur Lino Bartolo staqsa jekk is-sigra fil planter hiex se titnehha.
Is-Sur Emanuel Brincat wiegeb li skond il-pjanta is-sigra trid tibqa fil-planter.

il-kunsilliera prezenti qablu u ma jsibux ogezzjoni

56.3.16 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda talba <dc 56/3/16> minghand il-kumittat tat-tismiegh tat-Toroq fl-ufficju elettorali li gharraf li waqaf il-process tan-numerar tar residenzi minhabba il-fatt li numru zghir ta'residenzi go Msida li tghati ghall Triq Testaferrata ta'Xbiex jigu markati ma Rue d'Argen.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill Kunsilliera prezenti li ga intbghatet ittra lit tlett residenzi koncernati biex niehdu l-opinjoni taghhom.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharrfet lill kunsill li ga hadet risposta min ghand wiehed li spjegala li dawn min dejjem referew ghat triq taghhom bhala parti min Rue D'Argen

56.3.17 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharfett lill kunsilliera prezenti li attendiet flimkien mas-Segrettarju Ezekuttiv ghall laqgha ta'tgharif organizata min Trasport Malta dwar Policies u linji Gwida godda ta kif ghandhom issiru applikazjonijiet ghall Traffic Manegment.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ta' spjega fil-qosor fuq il-policies u linji gwida li japplikaw meta issir applikazjoni minghand il-kunsill jew il-publiku.

56.3.18 Is-Sur Maurice Agius talab biex il-lista tal-korespondenza tibda tintbghat kull hmistax ghax hemm lista twila biex jarawa kollha fl-ahhar gimgha qabel il-laqgha.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella spjega li ha jipprova jaghmel mill ahjar ghalkem mhux dejjem ikun possibli li issir update tal-lista ta' kulljum minhabba il-volum ta' xoghol li qed ikun hemm.biss fakkar li l' kopji ta kull korespondenza huma dejjem ghad dispozizzjoni fil file ta' kull seduta li jmiss ghall min irrid jara.

56.3.19 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korespondenza minghand dwar Universal Childrens Day biex thajjar lill Kunsill jipaartecipa ghal din l-attivita ma kunsilli ohra.
il-kunsilliera prezenti qablu fil principju ta'l-attivita u ghanda tingabar aktar informazjoni biex tigi diskussa ahjar il quddiem.

56.3.20 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korespondenza minghand id-DLG cirkulari rigward il-hatra ta'Deputat Segretarju Ezekuttiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella spjega li din hija essenzjali u msemmija fil-att 363 u hemm bzonn titiehed decizzjoni
Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa ghar-raguni min u kif jista jinhattar

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella spjega li din il hatra hija mahsuba f kaz li ikun hemm cirkostanzi li Is-Segretarju prezenti minhabba assenza fit-tul ghall ragunijiet bhall sahha jew affarijiet ohra ma jkunx jista jaqdi il-funzjoni ufficjali tieghu.Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv jiehu hsieb ghall dak il perjodu halli ix-xoghol tal-Kunsill jibqa ghaddej normali.
il-kunsilliera prezenti qablu li din ghanda tigi diskussa qabel ma titiehed decizjoni.

56.3.21 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharfet lill-kunsill li l preparameti min grupp ta' voluntiera zghazagh ghall attivita annwali ta l-infjorata u fjakolata huma avanzati u spjegat li din is-sena qed jaghmlu disinn bit-tema Mater dolorosa li se tinvolvi madwar 6000 fjura tal karti kulurita. Din se tkun ghal publiku fil pjazza ta'quddiem il-knisja u ghanda tibqa ghaddeja min Hamis ix-Xirka sa Hadd il-Ghid. <dc 56/3/21> donazjonijiet li jistghu jingabru waqt din l-attivita immorru ghal ALS.

Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa kemm tinvolvi l-spizza ta'l-attivita.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li din tiswa lill kunsill 100 euro fejn l-spejjez l-ohra bhall kull sena jaghmlu tajjeb ghalieh is-socjetajiet involuti f din l-attivita. .

56.3.22 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharfet lill-kunsill li wasal iz-zmien biex jinbdew il-perparamenti flimkien mas St Joseph Youth Nursery biex tigi organizata is-serata ghall premjazjoni ta' tfal ta l-Imsida ghal inpenn sportiv li jkunu taw mghtul l-stagun.<dc 56/3/22>
Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa x hemm mahsub ghal din is-sena u kemm tinvolvi l-spizza tal-attivita.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li din is-serata se tkun mahsuba ghall premjazjoni u il-Kunsill jipartecipa mil-lat logistiku u tigi tiswa lill kunsill madwar 500 euro.l-spejjez l-ohra bhall kull sena jaghmlu tajjeb ghalieh l-sponsors ufficjali tan-nursery.
Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa x hemm mahsub ghall kumplament tas-sena biex il-kunsill ikun jista jara ahjar fejn jista jinvolvi u jara aktar socjetajiet jippartecipaw f attivitajiet tal kunsill
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li kif diskuss f' seduta precedenti u anke msemmija fir-rapport aministrativ ghanda tissejah laqgha u se jkunu mistiedna jipartecipaw is-socjetajiet kollha bil-ghan li dawn jaghtu lill kunsill il programmi taghhom ta' matul is-sena u b hekk ikun jista jitfassal kalendarju kulturali ghall Msida.Min hemm il-kunsill ikun jistgha jaghmel il-pjan kulturali u edukattiv tieghu fejn jkun jista jinvolvi aktar socjetajiet b'mod ahjar.

## 56.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

56.4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar korrispondenza mir-Reġjun Ċentrali dwar l-ittri Legali rata tal-avukat biex jinġabru dawk iċ-ċitazzjonijiet kollha li jistgħu jinġabru. Ktibna lura biex nippruvaw niġbru dawk iċ-ċitazzjonijiet kollha possibbli barra dawk li għandhom x jaqsmu ma tal-iskola.

56.4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar korrispondenza u pjanta mill-Kunsill ta' studenti tal-G.F. Abela Junior College fejn talbu l-approvazzjoni tal-kunsill biex teħel tinda mal-pilastri tal-Junior College ktibna bir risposta tal-Kunsill li sakemm dan il-proġett tat-tinda ikun approvat mill-Awtorità tal-ippjanar, mhux se joħloq l-ebda ostaklu jew inkonvenjent fuq il-bankina u mhux se ssir ħsara lis-siġar. Il-Kunsill tal-istudenti jistgħu jagħmlu il-proġett għas-spejjez tagħhom.

56.4.03 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar ir-rapport dwar l-istat ta' Triq is-Sarg Trasport Malta kitbet lura fejn qed tgħid li din taqgha taht il-Kunsill.

Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa x pozzizjoni se jiehu il-kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb lil-att 363 jitkellem car sa fejn taqa ir-responsabilita tal-Kunsill fejn jirizulta li ix-xoghol jinvolvi rikostruzjoni.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li ghalkemm it-Triq ma tinsabx f periklu iminenti li tisfronda ghandna nitolbu lill water services biex jaghmlu it-testijiet necessarji u jaghmlu rapport

Is-Sur Maurice Agius qal li ghandna nitolbu il-kopja tar rapport meta dan issir.

56.4.04 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar permess tal-Awtorità għall-ippjanar għal- approvazzjoni tal-kunsill għall-alterazzjoni u tisbieh fi Triq Oscar Zammit k/m Triq John Borg kitbu lill-applikant li dan il-proġett huwa approvat sakemm is-sidien javżaw u jiddiskutu mal-kunsill fejn hemm bżonn isir ċertu xogħol li jista' jwassal li dan joħloq ostaklu, inkonvenjent jew ħsara fil-bankina u propjetà oħra tal-kunsill.

Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa fuq il-progett tal-Blu Bar

Is-Sur Lino Bartolo ta'spjega qasira fuq l-zvillup propost.

56.4.05 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-permess għat- talba mill-Kappillan għal no objection biex jagħmel permess tal-Pulizija għal purċissjoni bis-Salib nhar 1 ta' Marzu fil-5 ta'filgħaxija gharrafna lill-Kappillan u ktibna nota ta no objection lill-pulizija.Il-purċissjoni saret u ma daħal l-ebda rapport.

56.4.06 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar permess mill-Awtorità tal-ippjanar għall-pletform fi Triq il-Parroċċa li l-kunsillier Emanuel Brincat u s-Segretarju Eźekuttiv marru jiċċekkjaw u sabu il-bankina lesta u bagħatu għass-sid biex jkellmuh u fejn talbu li dan għandu bżonn iġib garanzija mingħand il-perit li ix-xogħol huwa skond ir-regolamenti. L-applikant qal li ha jagħmel dan.<dc 56/4/6>

Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa fuq dawn il-permessi kif qed jigu kontrollati u dwar ir-rampa li saret quddiem il Busy Bee

Is-Sur Emanuel Brincat wiegeb li dawn inhareg il-permess mill PA

Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar il platform illegali quddiem il-club tal football talab biex niktbu lill PA hjaghmlu enforcement.

Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa jekk tal-football ghandhom problema ma l-awtorita il-kunsill se jkollu jistaporti sakem jirrangaw dwar il platform u it-tinda.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li se jikteb lill PA u jara x passi se jiehdu.

56.4.07 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar bżonn li jinbidel L-standard qed jinġabru l-istimi għall-materjal ħalli dan isir.

56.4.08 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar NextBike saret laqgħa mas-sidien biex tiġi ċċarata il-pożizzjoni li ha il kunsill fir-rigward tal-ittra li intbghatet u id-deċiżjoni biex jiddiskuti il-permessi meħtieġa għal perjodu ta' żmien. Ġie anke propost lis-sidien biex jagħmlu ħlas fuq reklami skond il-Bye law iżda ma qablux għax fuq l stands mhux se issiru riklami. Is-sidien aċċettaw li għandu issir ftehim li dan għandu jiġġedded min sena għal sena biex ma biex ma jkunx hemm pretensjoni ta' użu għal dejjem mil-kumpanija Next Bike.

Is-Sur Lino Bartolo qal li mal-stands hemm reklami
Is-Sur Emanuel Brincat qal li mal-stands ma hemmx reklami
Is-Sur Maurice Agius wiegeb li mar-roti hemm
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li dawn qed issiru kullimkien kif anke qed jaghmel go certu propjeta privata. u sakem dawn ma jikkaparax il post ghandhom issiru basta b ftheim miktub ghall perjodu ta zmien li jista jigi mgedded jew le
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li kif qed jara is-sittwazjoni fil futur ghad ikun hemm bzonn li il-Kunsill jibda jahseb ukoll fejn jintrabtu ir-roti ghax dawn qed jizdiedu fit toroq u sahansitra go certu lokalitajiet qed jaghmlu lanes apposta.

Is-Sur Maurice Agius staqsa min ghamel id-draft u talab kopja u qal li xorta ma jaqbilx li dawn issiru.

56.4.09 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar L-awditjar għass sena 2016 dan sar bejn it-13 u l-20 ta'Marzu u li qed nistennew ir-riżultati.

56.4.10 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar Il-parkeġġ ta' Triq il-Wied ma' Bluecross annimal clinic ħadna risposta li ma hiex privata.

Is-Sur Charles Selvaġġi talab biex issiru la hija publika ghandhom issiru il-parking bays

56.4.11 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-ħlas dovut mill-Green MT ma ħadna l-ebda risposta u għandna niġbru id-dettalji kollha ha mexxu bl-avukat.

56.4.12 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-bus shelters bil ħġieġ imkisser li TM għamlu it-tiswijiet neċessarji.

56.4.13 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar abbużi ta' skart għadu qed ikun hemm rapporti u li se nibdew n-nformaw lill Greenpack.saru xi spezzjonijiet min uffiċjali waqt il ġbir tal Borża ħadra u fejn sabu ta min huma geluhom idahhlu il borża sewda lura.

56.4.14 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar servizz jew xiri ta' CCTV kameras.Hadna bosta footage mis-sit ta' Triq Viktor Denaro u sibna bosta sorpriżi. Kellimna l-Spettur ta'l-Għassa fuqhom u tatna dettalji ta' x irrid issir. Se mexxu billi ntellgħu xi uħud fuq Facebook ħalli navzaw u timxi il kelma li qed nagħmlu għassa.

Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa jekk inqabdux abbuzi bil kamera.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wigbet li jidher li is-sit qed tintuza bhala latrina u il-footage gie mghoddi lill Pulizija u li se ntelghu x whud fuq Face book.

56.4.15 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar sinjali sofor quddiem garaxxijiet mhux użati fi Triq H. Calleja Schembri li saret verifika u il-Kunsillier Lino Bartolo daħal ġol garaxx msemmi u ikkonferma li dan tidhol karozza go fih. Is-sinjali regu saru kif kienu.

56.4.16 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar jekk hux konfermat li iz-zebra cross f Rue d'Argen hiex se ticaqlaq fejn kienet

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li din ghanda ticaqlaq izda ghadna ma nafux meta..

Is-Sur Emanuel Brincat qal li suppost ma hemx problemi u xoghol ta zebgha u jimxi id-dawl ghax rampi diga hemm

Is-Sur Maurice Agius qal li ir-rampi huma hemm biss ghandhom bzonn jigu adattati ghall nies neqsin mid-dawl.

56.4.17 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar ħlas ta' allowance lill-kunsilliera l-a awdituri staqsew ħafna domandi u talbu għal kull kopja tal- ittri ta' assenza b' appologija.importanti li assenza b' apoloġija minħabba saħħa jiġi pprezentaw ċertifikat mediku. Ġibdu l-attenzjoni li is-Segretarju irrid jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill għad diskussjoni u jgħarraf lid-dipartiment u il-Ministru bil fehma tal Kunsill meta kunsillier ikollu numru ta'assenzi anke jekk b'apoloġija skond kif jistabbilixxi l-att 363.

56.4.18 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar talba biex jibdew isiru lezzjonijiet ta' Drama ġol-binja tal-Kunsill li dawn bdew.

56.4.19 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar talba għall-permess mis-Sur Jason Jones skond il-Bye Law li geded il permess ghal sitt xhur.

56.4.20 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-karozzi li qed jgħaddu b'veloċità qawwija go Triq Il-Makna tas-Serrar saret ordni ta speed signs.

56.4.21 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar talba mill-Kumitat Amministrattiv Swatar biex jeħel arblu tad-dawl go traffic island fejn il-Bring in Site tas-Swatar tlabna lill kuntrattur iwahal il fanal ħalli dan jiġi mqabbad.

Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa dwar il-parkegg fiz-zona li qed ikun hemm daqxejn ta'konfuzjoni
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li din qamet ukoll fl-ahhar seduta tal Kumitat Aministrativ Swatar fejn talbu unloading bay.Izda ma jidirx li is-Supermarket ghamel xi talba biex dan issir.
Is-Sur Emanuel Brincat wiegeb li ma kienx hemm bzonn ghax suppost kellhom jinqdew mit triq tal-gemb.izda mhux qed issir hekk.
Is-Sur Lino Bartolo propona biex inkelmu lis-sidien tas-supermarket biex forsi jaghmlu xi kameras u embelisment tal fiz-zona

56.4.22 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar id-dokumenti tat-Tenders għal Ġbir ta' Skart u tal -knis ġew finalizzati u mgħoddija fis-seduta 55 u dan intbagħat id-dipartiment biex jiġi ċċekkjati għal xi korrezzjonijiet li jista' jkun hemm bżonn.

56.4.23 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar l-arblu tal-ġostra mitluq f'Misraħ San Guzepp li saret talba biex jithalla sa-Mejju u se jitnehha biex jittihed ghall manutenzjoni.Is-Sindku talbet biex issir tindif tahtu u mad dawra.

56.4.24 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar tbatijiet ta' għarar li qed ibati sid il-ħanut Queen Ann furniture sar tindif tal-kulvert biex jittneha ħmieġ li kien hemm u li kien qed jikkawża sadd fis-sistema.

Is-Sur Lino Bartolo avza li gie fuq il-post il-perit ta' TM Jorge Spiteri biex jara x jista issir minhabba is-sadd li hemm.

56.4.25 Is-Sur Lino Bartolo gharraf lill kunsilliera prezenti dwar is-sigar ta' Triq il-Wied li se jehlu u ta'xi dettalji ta xhemm mahsub issir.
Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk hux posibbli li tisqija issir min Trasport Malta.

56.4.26 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar l-ilma tal-ġibjun dejjem qed jiġi aħdar u l-problema b'riħa ta' drenaġġ ġie nottat li sar xi xogħol mil-Water Services ta-tindif fit-tappieri izda il-gibjunn ghadu ma tbattalx u Is-Sindku ga kitbet lill VMU biex jitnadaf.

56.4.27 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-laqgħa annwali għar-residenti. Din ġiet deċiża u saret fil-21 ta' Marzu l'attendenza kienet waħda fqira.

56.4.28 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-pjan propost għal traffic management ta' Triq San Alwig. il-laqgħa saret fil-21 ta' Marzu bejn il- 5:30 pm u 6:30 pm, qabel il-laqgħa Annwali ghar-residenti.Kien hemm attendenza ta' 35 persuna li taw is-Suġġerimenti tagħhom fil preżenza ta' rappreżentant minn Trasport Malta.ittihdet nota ta'dawn is-Suġġerimenti u ġew mgħoddija li-rappreżentant li għamel ir-rimarki tiegħu għad diskussjoni tal -Kunsill.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai infurmat lill kunsilliera prezenti li is-sugget jigi diskuss aktar il quddiem fis-seduta.

56.4.29 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar Unloading bay fejn ta' Nissan.dan tnehha sar parkeġġ u ittnehew it-Tabelli, iżda ergajna ircevejna llmenti li ga ġie kappa rat min karozzi bin numri tal-mobile għax huma għal bejgh.

56.4.30 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar bin li qed jiġi wżat għal boroż is-suwed fi Triq John Borg dan gie maqlugh u wehel aktar il-fuq lejn id-dahla tal Junior college

56.4.31 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar Van bil-kaxxa li jkun mimli skart u abbużi oħra apparti r-riħa t'awrina li jkun hemm.Morna ħafna drabi matul il-ġurnata biex inkellmu lil persuna iżda qatt ma sibna il-vann jew il-persuna u għadna qed nippruvaw.

56.4.32 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-monument sar it-tindif u xogħol tal-funtani u qed nistennew il manutenzjoni tal-pompi biex dawn jitwahlu u nghamlu il-provi tas-sistema.

56.4.33 Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa jekk hemx xi time frame biex dan issir.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ma hemmx izda jittama li jkunu lesti fl-iqsar zmien.

56.4.34 Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa dwar il-fntana gol gnien fi Triq Victor Denaro

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li dan gie rapurtat u safejn jaf ga gie msewwi u se jicekkja jekk dahalx xi rapport iehor.

### 56.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

56.5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti li l-kumpanija TCTC se tghati course bi hlas ta'ECDL advanced bl ezamijiet li jwasal ghal certifikat MQF level 3.u talab biex jinkludi b rata mnaqsa l-impjegati tal-kunsill biex ikunu aktar preparati fix-xoghol taghhom.
Is-Sur Lino Bartolo qal li huwa ma jaqbilx minhabba li il-kunsill ga ihallas ammont ta flus fis-sena biex suppost in-nies ta'l-Imsida ma jhallsu xejn fuq kollox l-impjegati ghandhom ikunu meqjusa bhala niex mill-Msida.u ma jistax ikun li l binja tal kunsill tibqa tintuza biex haddiehor jaghmel negozju u il kunsill ma jdahal xejn anzi johrog il-flus.

Is-Sur Maurice Agius qal li huwa ma jaqbilx anzi jixtieq jghid li dan qed jattendi kors li gew mghodija noti skaduti b sentejn u dan mhux sew.
Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa kemm u ghall xiex qed inhallsu dawn il hlasijiet u talab biex ngharfu lill kumpanija li l-Kunsill mhux kuntent u jipretendi li ghalmenu kull darba meta ikun hemm dawn il korsijiet bil mod il mod jibda jinkludi wiehed jew tnejn mill impjegati tal-kunsill sakem dawn kollha ikunu hadu it-tahrig.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li se jiccekja dwar l-illment tas-Sur Agius u li se jiccekja id-dettalji kollha dwar il-hlas mghoddi u il ftheim bejn il kumpanija u il kunsill ghal dawn il korsijiet organizati u jara fhiex ezatt jikonsistu u jgharraf lill kunsilliera fis-seduta li jmiss. .

56.5.02 Is-Sur Maurice Agius gharraf lill kunsilliera prezenti li Super Market go Triq C-De'Brokdorf kellu bin on wheels fuq barra meta dan mhux supposi ihallieh.

56.5.03 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar id-dawl f'Misrah San Guzepp li mhux qed jixghel.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li ga talab lill kuntrattur biex jara jistax jibdlu ghall dawl normali.

56.5.04 Is-Sur Maurice Agius talab biex nghidu lill kull min ghandu katusa tal bejt tarmi ghall fuq il bankina biex tigi rrangata biex titfa min taht il-bankina

il-kunsilliera prezenti ghamlu diskussjoni u osservaw li hemm hafna go l-Imsida li huma hekk u fejn dawn jigu osservati is-sidien ghandhom jintalbu biex jiehdu hsieb jirrangaw.

56.5.05 Is-Sur Charles Selvaġġi talab biex tigi rrangata ir-roundabout fil bandli f Misrah 5 ta;Ottubru ghax mhux bilancjata.

56.5.06 Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa jekk tezistix ligi li tirregola fejn jista issir inxir fuq barra ghax qed jinnota hafna gallariji bil hwejeg minxura barra
il-kunsilliera prezenti ghamlu diskussjoni qasiea fuq is-sugett
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ha jaghmel verifika u jgharraf lill kunsill

56.5.07 Is-Sur Charles Selvaġġi ikumenta dwar il-pargegg ta karozzi ta dealers go upper Rue d'Argen u staqsa jekk hux minnu li dan ma jistax jaqla aktar min cittazjoni wahda fix-xghar ghall l-stess reat.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ha jaghmel verifika u jgharraf lill kunsill

56.5.08 Is-Sur Charles Selvaġġi kumenta dwar il parkegg abuziv ta kuljum go Triq Zhaminof u x qed taghmel il-Lesa
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li ta kulljum jibghat ritratti u rapporti fuq iz-zona izda sa issa ma jafx li inghata cittazjoni wahda.

56.5.09 Is-Sinjura Romina Galea tkellmet dwar il-problema ta nies li ibatu bid-Dijabete qed issibu biex jidisponu mill-kaxxa tal-labar
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ha jaghmel verifika mad-Dipartiment tas-sanita u jgharraf lill kunsill

56.5.10 Is-Sinjura Romina Galea tkellmet u staqsiet b sistema tal llum kemm jista persuna tmur tarmi go sit ghall skart.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ha jaghmel verifika biex jgharraf lill kunsill izda din l-informazzjoni ga tinsab fuq is-sit tal waste serve u tispjega x hemm bzonn issir.

56.5.11 Is-Sur Lino Bartolo tkellem u talab biex nghamlu kuntatt mal Marina Home dwar taqtir tal ilma tal -AC li qed immur go triq.

56.5.12 Is-Sur Lino Bartolo staqsa meta se ssir il kumplament ta'Triq Censu Farrugia.ghax hija perikoluza hafna
Is-Sur Emanuel Brincat wiegeb li meta staqsa lill TM qalulu lejn l-ahhar tas-sena izda il-llum kellu laqgha go TM u rega staqsa fuqgha.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li TM provaw ifarfru u bghatulna lura claim ta accident li sehh f dik il bicca triq u b sahha qed ninsistu li din responsabilita ta' TM

56.5.13 Is-Sinjura Romina Galea talbet biex titiehed nota fl-stess zona go Triq Censu Farrugia li hemm xi residenti godda li qed johorgu il borza sewda barra il-hin.

56.5.14 Is-Sur Lino Bartolo talab biex issiru siggijiet jinghalqu ghall anzjani fil bus stop

56.5.15 Is-Sur Lino Bartolo fakkar lill kunsilliera prezenti biex jattendu ghall kuncert tal-Ghid organizatt gewwa il-knisja nhar il-11ta'April.

56.5.16 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti li l-kuntratt ta'l-accoutant wasal biex jigedded ghall sena ohra min tlett snin u staqsa lill kunsilliera jekk japprovawx.<dc 56/5/16>
Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa ghall opinjoni tas-Segrettarju Ezekuttiv u jekk ghadux xi sugerimenti jew riservi.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li hemm xi affarijiet li osserva fiz zmien qasir li illu fil kariga li xtaq jara ahjar u b hsiebu jara li dawn jigu indirizati matul din is-sena.pero konvint fil kapacitajiet tal-accoutant u jemmen li nistghu mexxu jekk naqblu fuq certu punti.
il-kunsilliera prezenti diskutew u talbu l-Segretarju Ezekuttiv jgharafhom fuq dak li jirizulta wara li ikellem lill accoutant fuq il-punti msemmija biex jiehdu decizjoni.

## 56.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgha publika

56.6.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai fethet id-diskussjoni ghar-rapport prezentat aktar qabel dwar il laqgha publika li saret fuq il-proposta ta Traffic management go Triq San Lwigi.
il-kunsilliera prezenti daru mar rapport u ghamlu x mistoqsijiet u kumenti

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ta spjega fu il kontenut tar rapport u risposti ta trasport Malta
Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar kif tista issir diskussjoni biex jigu evaluwati il-proposti msemmija.
Is-Sur Emanuel Brincat proppona li flimkien ma Sur Charles Selvaggi bhala responsabli mit-Traffik Management janalizaw il-proposti u jaraw x jista issir.

Is-Sur Maurice Agius talab biex ikun involut
Is-Sur Lino Bartolo qal li kull membru tal-kunsill jekk irrid jista jinvolvi ruhu

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qaloet bies tinsab gurnata u tissejah laqgha ghall kunsilliera u min irrid jista jigi.
Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar it-traffic counts
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li ga talab ghall stima
Is-Sur Lino Bartolo ppropona biex nitolbu lill universita tiprovdi xi studenti.

### 56.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

56.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l'Skeda 9 sa' 11 ta`ħlasijiet għal-approvazzjoni tal-membri'
Is-Sur Maurice Agius Staqsa fuq l-ammont tat tipping fees kif jidher jekk hux bhala invoice jew bhala allokazjoni
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella Spjega li l-ammont kif kien qed ikun prezentat huwa dak li qed jidher bhala invoice u li l-ammont li qed jithallas huwa it-total dan jibqa isehh sakem jintlahaq l-ammont tal-Allokazjoni u id-differenza tithallas mid-dipartiment
Is-Sur Lino Bartolo Staqsa jekk jistax jinqata ammont kull 3 xhur u l skeda turi l-ammont tal-Allokazjoni
Is-Sur Charles Selvaġġi qal l-invoice tista tidher f tnej parti allokazjoni u parti li mhux se jhallas il Kunsill
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella talab biex l-ewwel jaghmel rikonciljazjoni shiha tal-ammonti dovuti lill waste serve u f seduta li imiss ikun jista jgharaf lill kunsill b stampa cara fhiex jikonsistu l-invoices pendenti u prezenti u imbghad inkunu nistghu nimxu min hemm.
L Skeda giet proposta mi-Sur Lino Bartolo u sekondata mis-Sinjura Romina Galea.
skeda ġiet approvata unanimament.

### 56.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

56.8.01 Il-laqgħa intemmet 8:55 ta' filgħaxija ġiet aġġornata għall-25 ta' April 2017 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 25 ta' April 2017

Minuti konfermati, illum 25 ta' April 2017

IFFIRMATA

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |